# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 24 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 20**

**Rikors numru 681/2015/2**

**Carmelo u Eve konjuġi Farrugia**
***v.***
**Joseph Zammit, Francis Cassar u Debora Richard**

1. Dan il-provvediment huwa fuq eċċezzjoni ta' rikuża mressqa mill-konvenut Joseph Zammit waqt is-seduta tal-10 ta' Novembru 2022. L-eċċezzjoni tressqet għax dawn huma proċeduri għal ritrattazzjoni ta' appell maqtugħ b'sentenza mogħtija minn din il-qorti komposta mill-istess imħallfin li tagħhom qiegħda tintalab ir-rikuża.

2. Ir-regola ġenerali dwar smigħ ta' każijiet ta' ritrattazzjoni hija dik fl-art. 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**814.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu II tat-Titolu II ta' It-Tielet Ktieb ta' dan il-Kodiċi, it-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir

> quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistgħu joqogħdu fiha l-istess imħallfin jew maġistrati.«

3. Fil-każ tallum ma hemmx ir-raġunijiet għar-rikuża msemmija fis-Sub-titolu II tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi, partikolarment l-art. 734. Madankollu, ir-raġunijiet elenkati fl-art. 734 ma humiex neċessarjament *numerus clausus* għax jista' jkun hemm ċirkostanzi oħra li jistgħu raġonevolment jagħtu lok ta' suspett ta' interess dirett jew indirett li jista' jinfluwenza l-eżitu tal-kawża. Eżempju speċifiku fil-kuntest ta' proċeduri ta' ritrattazzjoni huwa meta jintalab li titħassar sentenza għax tkun applikat il-liġi ħażin. F'każ bħal dak jista' jqum is-suspett li ġudikant ikun riluttanti li jammetti li applika l-liġi ħażin, u għalhekk ir-rikuża tkun ġustifikata.

4. Fil-każ tallum ir-ritrattazzjoni qiegħda tintalab għax jingħad mhux illi s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażin iżda illi hija l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża[1]. Dwar din ir-raġuni ta' ritrattazjoni l-liġi tgħid illi:

> »… … … jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.«

5. L-eżami li jrid isir fil-fażi *in rescindendo* huwa x'aktarx mekkaniku u oġġettiv: is-sentenza hija msejsa fuq fatt li fil-verità ma jeżistix, jew fuq l-assenza ta' fatt li fil-verità jeżisti? Il-qorti ma hijiex mitluba tgħid jekk l-apprezzament tal-fatt kienx tajjeb jew le, jew jekk il-konsiderazzjonijiet li wasslu għas-suppożizzjoni tal-eżistenza jew l-assenza tal-fatt kinux tajba jew ħżiena; ma huwiex mitlub ġudizzju fuq apprezzament magħmul mill-

---

[1] Art. 811(*l*) K.O.P.Ċ.

qorti fis-sentenza attakkata. Għalhekk ma hemm ebda raġuni għal suspett raġonevoli illi l-ġudikanti jkollhom interess dirett jew indirett fl-eżitu tad-deċiżjoni dwar jekk kienx hemm suppożizzjoni ta' fatt ineżistenti jew l-esklużjoni ta' fatt li tassew jeżisti.

6. Għalhekk, li tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża f'dawn iċ-ċirkostanzi jkun bi ksur tad-disposizzjoni tal-art. 814 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

7. Il-qorti għalhekk tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża u tordna li jitkompla s-smigħ.

8. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jħallashom l-eċċipjent Joseph Zammit.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm